SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

5 ta’ Frar 2014*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxi diretti — Libertà ta’ stabbiliment — Leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali li tistabbilixxi taxxa speċjali fuq id-dħul mill-bejgħ magħmul mill-attività ta’ bejgħ bl-imnut fi ħwienet — Ktajjen ta’ ħwienet ta’ distribuzzjoni mifruxa — Eżistenza ta’ effett diskriminatorju — Diskriminazzjoni indiretta”

Fil-Kawża C-385/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Székesfehérvári Törvényszék (l-Ungerija), permezz ta’ deċiżjoni tas-26 ta’ Lulju 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta’ Awwissu 2012, fil-proċedura

**Hervis Sport- és Divatkereskedelmi Kft.**

vs

**Nemzeti Adó- és Vámhivatal Közép-dunántúli Regionális Adó Főigazgatósága,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, Viċi President, A. Tizzano, L. Bay Larsen, T. von Danwitz, E. Juhász, M. Safjan, J. L. da Cruz Vilaça, Presidenti ta’ Awla, A. Rosas, A. Ó. Caoimh, J.-C. Bonichot (Relatur), A. Arabadjiev u C. Toader, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-18 ta’ Ġunju 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Hervis Sport- és Divatkereskedelmi Kft., minn L. Darázs u A. Dezső, avukati,

— għal Nemzeti Adó- és Vámhivatal Közép-dunántúli Regionális Adó Főigazgatósága, minn Z. Horváthné Ádám,

— għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér u K. Szíjjártó, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer u F. Koppensteiner, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Talabér-Ritz u W. Mölls, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2013,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18, 26, 49, 54 sa 56, 63, 65 u 110 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Hervis Sport-és Divatkereskedelmi Kft. (iktar 'il quddiem "Hervis") u Nemzeti Adó-és Vámhivatal Közép-dunántúli Regionális Adó Főigazgatósága (Direttorat reġjonali prinċipali tat-taxxa ta' Közép-Dunántúl, li jaqa' taħt l-amministrazzjoni nazzjonali tat-taxxa u tad-dwana), fir-rigward tal-ħlas tat-taxxa speċjali fuq id-dħul mill-bejgħ magħmul minn ċerti setturi ta' bejgħ bl-imnut fi ħwienet, stabbilita mill-Ungerija għas-snin 2010 sa 2012.

### Il-kuntest ġuridiku

3 Il-Preambolu tal-Liġi Nru XCIV 2010 dwar it-taxxa speċjali fuq ċerti setturi (egyes ágazatokat terhelő különadóról szóló 2010. évi XCIV. törvény, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar it-taxxa speċjali") jipprovdi:

"Fil-kuntest tal-konsolidazzjoni tal-bilanċ baġitarju, il-Parlament jistabbilixxi l-liġi segwenti, dwar l-istabbiliment ta' taxxa speċjali imposta fuq il-persuni taxxabbli li l-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu għall-oneri pubbliċi hija ogħla mill-obbligu fiskali ġenerali."

4 L-artikolu 1 ta' din il-Liġi, iddedikat għad-"Dispożizzjonijiet spjegattivi", jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din il-liġi:

1. attività ta' bejgħ bl-imnut fi ħwienet tfisser: skont is-sistema ta' klassifikazzjoni uniformi tal-attivitajiet ekonomiċi, fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009, l-attivitajiet ikklassifikati fis-settur Nru 45.1, minbarra l-kummerċ bl-ingrossa ta' vetturi u trailers, fis-setturi Nri 45.32, 45.40, minbarra t-tiswija u l-kummerċ bl-ingrossa ta' muturi, kif ukoll fis-setturi Nri 47.1 sa 47.9, jiġifieri l-attivitajiet kollha kummerċjali li fil-kuntest tagħhom ix-xerrej jista' wkoll ikun persuna fiżika li ma hijiex ikkunsidrata bħala negozjant.

[...]

5. dħul mill-bejgħ nett tfisser: fil-każ ta' persuna taxxabbli suġġetta għal-liġi tal-kontabbiltà, id-dħul mill-bejgħ nett magħmul mill-bejgħ fis-sens tal-liġi tal-kontabbiltà; fil-każ ta' persuna taxxabbli suġġetta għat-taxxa sempliċi tan-negozjanti u li ma taqax taħt il-liġi tal-kontabbiltà, id-dħul mill-bejgħ mingħajr [taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)] fis-sens tal-liġi dwar l-iskema ta' taxxa; fil-każ ta' persuna taxxabbli suġġetta għal-liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-individwi, id-dħul mingħajr VAT fis-sens tal-liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul. [...]

6. negozjant tfisser negozjant fis-sens tal-liġi dwar it-taxxi lokali."

5 Skont l-Artikolu 2 tal-Liġi dwar it-taxxa speċjali:

"Huma suġġetti għat-taxxa:

a) il-bejgħ bl-imnut fi ħwienet,

b) l-attivitajiet ta' telekomunikazzjonijiet, kif ukoll

c) il-provvista tal-enerġija."

6 L-Artikolu 3 ta' din il-liġi jiddefinixxi l-persuni taxxabbli kif ġej:

"(1) Il-persuni taxxabbli huma l-persuni ġuridiċi, l-organizzazzjonijiet l-oħra fis-sens tal-kodiċi ġenerali tat-taxxa u l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom li jeżerċitaw attività suġġetta għat-taxxa fis-sens tal-Artikolu 2.

(2) Huma wkoll suġġetti għat-taxxa l-organizzazzjonijiet u l-individwi mhux residenti, fir-rigward tal-attivitajiet suġġetti għat-taxxa, previsti fl-Artikolu 2, meta dawn iwettquhom fis-suq intern permezz ta' sussidjarji."

7 Skont l-Artikolu 4 tal-imsemmija liġi:

"(1) Il-bażi taxxabbli hija d-dħul mill-bejgħ nett tal-persuni taxxabbli magħmul mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2, matul is-sena taxxabbli.

(2) Fil-każ ta' attività msemmija fl-Artikolu 2(a), il-bażi taxxabbli tinkludi d-dħul mill-bejgħ magħmul mis-servizz ipprovdut, fil-kuntest tal-kummerċjalizzazzjoni ta' merkanzija mixtrija, mill-fornitur tal-merkanzija mixtrija bil-għan li tinbiegħ bl-imnut (il-manifattur jew id-distributur tal-merkanzija), kif ukoll l-ammont ta' dħul li jirriżulta mill-iskont mogħti minn dan il-fornitur."

8 L-Artikolu 5 tal-istess liġi, li jiffissa r-rata ta' din it-taxxa, jipprovdi:

"Ir-rata applikabbli:

a) għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(a) hija ta' 0 % għall-parti tal-bażi taxxabbli sa 500 miljun [fjorin Ungeriż (HUF)], ta' 0.1 % għal parti ta' iktar minn HUF 500 miljun iżda inqas minn HUF 30 biljun, ta' 0.4 % għal parti ta' iktar minn HUF 30 biljun iżda inqas minn HUF 100 biljun, u ta' 2.5 % għal parti ta' iktar minn HUF 100 biljun.

[...]".

9 L-Artikolu 6 tal-Liġi dwar it-taxxa speċjali, li jinkludi dispożizzjonijiet intiżi sabiex tiġi evitata t-taxxa doppja, jipprovdi dan li ġej:

"Jekk l-attività tal-persuna taxxabbli msemmija fl-Artikolu 2(c) hija wkoll taxxabbli abbażi tal-Artikolu 2(a) u/jew (b), il-persuna taxxabbli għandha tħallas biss, fir-rigward tal-attività msemmija fl-Artikolu (a) jew (b), l-iktar ammont għoli fost dawk ikkalkolati bir-rati ddefiniti fl-Artikolu 5(a) u (c), jew l-Artikolu 5(b) u (c)."

10 L-Artikolu 7 ta' din il-liġi jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li taħthom din it-taxxa tapplika għall-impriżi hekk imsejħa marbuta:

"(1) It-taxxa dovuta mill-persuni taxxabbli kkwalifikati bħala impriżi marbuta fis-sens tal-Liġi [Nru LXXXI tal-1996] dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji u d-dividendi [iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru LXXXI tal-1996"] għandha tiġi ddeterminata billi jingħaddu flimkien id-dħul mil-bejgħ nett magħmul mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu (a) u b imwettqa minn persuni taxxabbli li għandhom relazzjonijiet ta' impriża marbuta, u l-ammont miksub bl-applikazzjoni tar-rata stabbilita fl-Artikolu 5 għal dan it-total għandha tinqasam bejn il-persuni taxxabbli b'mod proporzjonali skont id-dħul

mill-bejgħ rispettiv tagħhom magħmul mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(a) u (b), meta mqabbel mad-dħul mill-bejgħ nett totali magħmul mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(a) u (b) mill-persuni taxxabbli kollha marbuta."

11 L-Artikolu 4 tal-Liġi Nru LXXXI tal-1996, li għaliha jagħmel riferiment l-Artikolu 7 tal-Liġi dwar it-taxxa speċjali, jiddefinixxi l-impriżi marbuta kif ġej:

"Għall-finijiet ta' din il-liġi,

[...]

23. impriża marbuta hija komposta:

a) mill-persuna taxxabbli u l-impriża li fiha l-persuna taxxabbli għandha, direttament jew indirettament, influwenza maġġoritarja, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili;

b) mill-persuna taxxabbli u l-impriża li għandha, direttament jew indirettament, influwenza maġġoritarja fuq il-persuna taxxabbli, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili;

c) mill-persuna taxxabbli u kull impriża oħra meta terz ikollu, direttament jew indirettament, influwenza maġġoritarja fiż-żewġ impriżi, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa mifhum li persuni li għandhom parentela mill-qrib mal-persuna taxxabbli u li għandhom influwenza maġġoritarja fuqha u fuq l-impriża l-oħra għandhom jiġu kkunsidrati bħala terzi;

d) minn negozjant barrani u l-istabbiliment tiegħu fl-Ungerija, l-istabbilimenti tan-negozjant barrani, kif ukoll l-istabbiliment Ungeriż tan-negozjant barrani u kull impriża li għandha relazzjonijiet bħal dawk iddefiniti fil-punti (a) sa (c) man-nagozjant barrani;

e) il-persuna taxxabbli u l-istabbiliment barrani tiegħu, kif ukoll l-istabbiliment barrani tal-persuna taxxabbli u kull impriża li għandha waħda mir-relazzjonijiet iddefiniti fil-punti (a) sa (c) mal-persuna taxxabbli."

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

12 Hervis fl-Ungerija topera ħwienet li jbigħu artikoli relatati mal-isport taħt l-isem "Hervis Sport". Il-kompetituri diretti tagħha huma l-ktajjen ta' ħwienet "Décathlon", "Intersport" u "SPG Sporcikk".

13 Hervis hija persuna ġuridika, sussidjarja ta' SPAR Österreichische Warenhandels AG (iktar 'il quddiem "SPAR"). Hervis, skont l-Artikolu 7 tal-Liġi dwar it-taxxa speċjali, li jiddefinixxi l-"impriżi marbuta" fis-sens tal-imsemmija liġi, tifforma parti mill-grupp SPAR. Abbażi ta' dan Hervis hija responsabbli għall-ħlas ta' porzjon, bi *prorata* tad-dħul mill-bejgħ tagħha stess, mit-taxxa speċjali dovuta mill-impriżi kollha li jifformaw parti minn dan il-grupp fir-rigward tad-dħul mill-bejgħ globali magħmul minnhom fl-Ungerija.

14 Minħabba l-applikazzjoni tal-iskala, li tikber kunsiderevolment b'mod progressiv, tat-taxxa speċjali fuq id-dħul mill-bejgħ globali ta' dan il-grupp, Hervis kienet suġġetta għal rata medja ta' taxxa nettament ogħla minn dik li kienet tikkorrispondi għall-bażi komposta mid-dħul mill-bejgħ magħmul mill-ħwienet tagħha biss. Issa, skont Hervis, t-taxxa dovuta mill-ktajjen ta' ħwienet Ungeriżi kompetituri tagħha tiġi kkalkolata fuq din l-aħħar bażi, peress li fil-parti l-kbira tagħhom dawn huma strutturati bħala ħwienet franchise, li għandhom personalità ġuridika u li ma jifformawx parti minn grupp.

15 Minn dan Hervis iddeduċiet li tali sistema, sa fejn twassal sabiex il-persuni ġuridiċi suġġetti għat-taxxa speċjali li huma marbuta, fis-sens tal-Liġi Nru LXXXI tal-1996, ma' kumpanniji mhux residenti jiġu ntaxxati iktar, tikser l-Artikoli 18, 49 sa 55, 65 u 110 TFUE, u tammonta għal għajnuna mill-Istat ipprojbita. Peress li l-awtorità tat-taxxa ċaħdet it-talba tagħha sabiex tiġi eżentata mit-taxxa speċjali għas-sena 2010, Hervis talbet lis-Székesfehérvári Törvényszék (Qorti ta' Székesfehérvár), adita f'sede amministrattiva, tikkonstata li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar it-taxxa speċjali jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni.

16 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Székesfehérvári Törvényszék iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-fatt li persuna taxxabbli teżerċita attività ta' bejgħ bl-imnut f'ħanut għandha tħallas taxxa speċjali fuq l-ammont tad-dħul mill-bejgħ nett annwali tagħha li jaqbeż HUF 500 miljun huwa kompatibbli mad-dispożizzjonijiet dwar il-prinċipju ġenerali ta' [non]diskriminazzjoni (Artikoli 18 [TFUE] u 26 TFUE), il-prinċipju ta' libertà ta' stabbiliment (Artikolu 49 TFUE), il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (Artikolu 54 TFUE), il-prinċipju ta' ugwaljanza f'dak li jikkonċerna l-parteċipazzjoni finanzjarja fil-kapital tal-kumpanniji fis-sens tal-Artikolu 54 [TFUE] (Artikolu 55 TFUE), il-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi (Artikolu 56 TFUE), il-prinċipju ta' moviment liberu tal-kapital (Artikoli 63 [TFUE] u 65 TFUE) u l-prinċipju ta' ugwaljanza f'dak li jikkonċerna l-intaxxar tal-impriżi (Artikolu 110 TFUE)?"

**Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari**

17 Il-Gvern Ungeriż isostni li t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Székesfehérvári Törvényszék ma hijiex preċiża biżżejjed. Fil-fatt, din ma tesponix suffiċjentement ir-raġunijiet preċiżi li wasslu sabiex il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li s-soluzzjoni tal-kawża kienet teħtieġ interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE msemmija fid-deċiżjoni tar-rinviju.

18 Madankollu, l-elementi pprovduti mid-deċiżjoni tar-rinviju għandhom rabta ċara mas-suġġett tal-kawża prinċipali u, kif jirriżulta mill-punti 12 sa 15 ta' din is-sentenza, jippermettu li jiġu ddeterminati l-portata tad-domanda preliminari u l-kuntest li fiha saret. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tar-rinviju, li tipprovdi sunt tal-argumenti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u tesprimi dubji dwar il-korrettezza ta' din l-interpretazzjoni, tindika suffiċjentement ir-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex tqis li kienet meħtieġa interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni sabiex tagħti s-sentenza tagħha.

19 Għaldaqstant, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha titqies ammissibbli.

**Fuq id-domanda preliminari**

*Osservazzjonijiet preliminari*

20 Peress li d-domanda preliminari tagħmel riferiment fl-istess ħin għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-moviment liberu tal-kapital, għandha l-ewwel nett tiġi ddeterminata l-libertà inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

21 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza ferm stabbilita jirriżulta li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni s-suġġett tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza tat-13 ta' Novembru 2012, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-35/11, punt 90 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Leġiżlazzjoni nazzjonali li hija intiża sabiex tapplika biss għall-ishma li jippermettu li tiġi eżerċitata influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' kumpannija u li jiġu ddeterminati l-attivitajiet tagħha taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE, dwar il-libertà ta' stabbiliment, (ara s-sentenza Test Claimants in the FII Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 91, u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Issa, il-kawża prinċipali tirrigwarda r-rata ta' taxxa allegatament diskriminatorja imposta abbażi tat-taxxa speċjali fuq "persuni taxxabbli kkwalifikati bħala impriżi marbuta" fis-sens tal-Liġi Nru LXXXI tal-1996. L-Artikolu 4 tal-imsemmija liġi jagħmel riferiment, għall-finijiet tad-definizzjoni ta' dan l-aħħar kunċett, għaż-żamma min-naħa ta' kumpannija ta' sehem li jippermettilha li, direttament jew indirettament, teżerċita influwenza maġġoritarja f'kumpannija oħra.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment. Għalhekk ma hemmx lok li tingħata interpretazzjoni tal-Artikoli 56 TFUE, 63 TFUE u 65 TFUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-moviment liberu tal-kapital.

25 Wara dan, għandu jitfakkar li l-Artikolu 18 KE huwa intiż li japplika b'mod awtonomu biss f'sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom it-Trattat ma jistabbilixxix regoli speċifiċi dwar nondiskriminazzjoni. Issa, fil-qasam tad-dritt ta' stabbiliment, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ġie implementat permezz tal-Artikolu 49 TFUE (sentenza tal-11 ta' Marzu 2010, Attanasio Group, C-384/08, Ġabra p. I-2055, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Għaldaqstant lanqas ma għad hemm lok li tingħata interpretazzjoni tal-Artikolu 18 TFUE u lanqas, barra minn hekk, tal-Artikolu 26 TFUE.

27 Fl-aħħar nett, peress li ma jidhirx li t-taxxa speċjali taffettwa l-prodotti li ġejjin minn Stati Membri oħra b'mod iktar qawwi mill-prodotti nazzjonali, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 110 TFUE hija irrilevanti fil-kuntest tal-kawża prinċipali.

28 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li d-domanda magħmula għandha tiġi kkunsidrata bħala li tirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk l-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni dwar taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

*Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE*

29 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 49 u 54 TFUE jipprekludux leġiżlazzjoni dwar taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li l-imsemmija taxxa għandha effetti potenzjalment diskriminatorji fir-rigward tal-persuni ġuridiċi taxxabbli li jikkostitwixxu, fi ħdan grupp, "impriżi marbuta", fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni, ma' kumpannija li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru ieħor.

30 Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regoli ta' ugwaljanza fit-trattament ma jipprojbixxux biss id-diskriminazzjonijiet ovvji, ibbażati fuq l-uffiċċju rreġistrat tal-kumpanniji, iżda wkoll il-forom moħbija kollha ta' diskriminazzjoni li, skont kriterji ta' distinzjoni oħra, fil-fatt iwasslu għall-istess riżultat (ara, b'analoġija, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker, C-279/93, Ġabra p. I-225, punt 26; tat-22 ta' Marzu 2007, Talotta, C-383/05, Ġabra p. I-2555, punt 17, u tat-18 ta' Marzu 2010, Gielen, C-440/08, Ġabra p. I-2323, punt 37).

31 Il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistabbilixxi, b'mod partikolari, kriterju ta' distinzjoni bejn, minn naħa, il-persuni taxxabbli suġġetti għat-taxxa speċjali li huma marbuta, fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, ma' kumpanniji oħra fi ħdan grupp u, min-naħa l-oħra, il-persuni taxxabbli li ma jifformawx parti minn grupp ta' kumpanniji.

32 Dan il-kriterju ta' distinzjoni ma jistabbilixxi ebda diskriminazzjoni diretta, peress li t-taxxa speċjali fuq l-attività ta' bejgħ bl-imnut fi ħwienet hija imposta taħt kundizzjonijiet identiċi għal kull kumpannija li twettaq din l-attività fl-Ungerija.

33 Madankollu, dan il-kriterju għandu l-effett li jisfavorixxi l-persuni ġuridiċi li huma marbuta ma' kumpanniji oħra fi ħdan grupp meta mqabbla ma' persuni ġuridiċi li ma jifformawx parti minn tali grupp ta' kumpanniji.

34 Dan jirriżulta mill-akkumulazzjoni ta' żewġ karatteristiċi tat-taxxa speċjali.

35 Minn naħa, ir-rata tal-imsemmija taxxa tikber kunsiderevolment b'mod progressiv skont id-dħul mill-bejgħ, b'mod partikolari fil-parti superjuri tagħha. Din għalhekk hija ta' 0.1 % għal dħul mill-bejgħ ta' bejn HUF 500 miljun u HUF 30 biljun, ta' 0.4 % għal dħul mill-bejgħ ta' bejn HUF 30 biljun u HUF 100 biljun, u ta' 2.5 % għal dħul mill-bejgħ ta' iktar minn HUF 100 biljun.

36 Min-naħa l-oħra, din l-iskala tapplika għal bażi taxxabbli li tinkludi, għall-persuni taxxabbli li jifformaw parti minn grupp ta' kumpanniji, id-dħul mill-bejgħ ikkonsolidat tal-persuni taxxabbli kollha "marbuta" tal-grupp (qabel ma t-taxxa totali tinqasam bi *prorata* skont id-dħul mill-bejgħ magħmul minn kull persuna taxxabbli), filwaqt li din hija llimitata għad-dħul mill-bejgħ tal-persuna taxxabbli kkunsidrata waħedha fir-rigward tal-persuni ġuridiċi bħal ma huma l-franchises indipendenti. Dan ifisser li l-persuni taxxabbli li jifformaw parti minn grupp ta' kumpanniji huma intaxxati abbażi ta' dħul mill-bejgħ fittizju.

37 Hervis, il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni Ewropea jsostnu li l-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE jipprekludu tali differenza fit-trattament, li hija *de jure* bbażata fuq il-kriterju ta' differenzjazzjoni, apparentement oġġettiv, tal-livell tad-dħul mill-bejgħ, iżda tisfavorixxi *de facto* is-sussidjarji ta' kumpanniji parent li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stati Membri oħra, u dan fid-dawl tal-istruttura tal-attività ta' bejgħ bl-imnut fis-suq Ungeriż, u b'mod partikolari, fid-dawl tal-fatt li l-ħwienet ta' distribuzzjoni mifruxa ta' tali kumpanniji ġeneralment huma operati, bħal fil-każ ta' Hervis, fil-forma ta' sussidjarji.

38 Għandu jiġi osservat li, fir-rigward ta' regola fiskali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-għan tagħha huwa l-intaxxar tad-dħul mill-bejgħ, is-sitwazzjoni ta' persuna taxxabbli li tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji hija paragunabbli għal dik ta' persuna taxxabbli li ma tifformax parti minn tali grupp. B'mod partikolari, kemm il-persuni ġuridiċi attivi fis-suq tal-bejgħ bl-imnut fi ħwienet fl-Istat Membru kkonċernat u li jiffurmaw parti minn grupp ta' kumpanniji kif ukoll dawk li ma jifformawx parti minn tali grupp huma persuni taxxabbli suġġetti għat-taxxa speċjali, u d-dħul mill-bejgħ tagħhom huma indipendenti minn dawk tal-persuni taxxabbli l-oħra.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk jiġi stabbilit li, fis-suq tal-bejgħ bl-imnut fi ħwienet fl-Istat Membru kkonċernat, il-persuni taxxabbli li jiffurmaw parti minn grupp ta' kumpanniji u li jaqgħu taħt l-ogħla parti tat-taxxa speċjali huma, fil-parti l-kbira tal-każijiet, "marbuta" fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ma' kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stati Membri oħra, hemm ir-riskju li l-applikazzjoni tal-iskala, li tikber kunsiderevolment b'mod progressiv, tat-taxxa speċjali għal bażi kkonsolidata tad-dħul mill-bejgħ, tkun b'mod partikolari ta' ħsara għal persuni taxxabbli "marbuta" ma' kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru ieħor.

40 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan ir-rekwiżit huwiex issodisfatt fid-dawl tal-kuntest globali li fih il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipproduċi l-effetti tagħha.

41 Jekk dan ikun il-każ, leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għalkemm ma tistabbilixxix distinzjoni formali skont l-uffiċċju rreġistrat tal-kumpanniji, madankollu tistabbilixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-uffiċċju rreġistrat tal-kumpanniji fis-sens tal-Artikoli 49 u 54 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Gielen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48).

42 Issa, min ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li tali restrizzjoni tista' tiġi aċċettata biss jekk tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Huwa wkoll neċessarju, f'din l-ipoteżi, li din tkun xierqa sabiex tiggarantixxi li l-għan inkwistjoni jintlaħaq u li din ma teċċedix dak li huwa meħtieġ sabiex dan il-għan jintlaħaq (sentenza tad-29 ta' Novembru 2011, National Grid Indus, C-371/10, Ġabra p. I-12273, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 F'dan ir-rigward, il-Gvern Ungeriż ma invokax, la fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu u lanqas matul is-seduta, raġunijiet ta' interess ġenerali li jiġġustifikaw, jekk ikun il-każ, sistema bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

44 F'kull każ, għandu jitfakkar li insostenn ta' tali sistema la tista' tiġi invokata b'mod validu l-protezzjoni tal-ekonomija tal-pajjiż (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2000, Verkooijen, C-35/98, Ġabra p. I-4071, punti 47 u 48), u lanqas l-istabbiliment mill-ġdid tal-bilanċ baġitarju permezz taż-żieda fid-dħul fiskali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2002, X u Y, C-436/00, Ġabra p. I-10829, punt 50).

45 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ magħmul mill-bejgħ bl-imnut fi ħwienet, li tobbliga lill-persuni taxxabbli li jikkostitwixxu, fi ħdan grupp ta' kumpanniji, "impriżi marbuta", fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni, li jgħoddu flimkien id-dħul mill-bejgħ tagħhom sabiex tiġi applikata rata progressiva ħafna, u li sussegwentement jaqsmu l-ammont tat-taxxa hekk miksub bejniethom bi *prorata* skont id-dħul mill-bejgħ reali tagħhom, meta — u dan huwa fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju — il-persuni taxxabbli li jiffurmaw parti minn grupp ta' kumpanniji u li jaqgħu taħt l-ogħla parti tat-taxxa speċjali huma "marbuta", fil-parti l-kbira tal-każijiet, ma' kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru ieħor.

**Fuq l-ispejjeż**

46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ magħmul mill-bejgħ bl-imnut fi ħwienet, li tobbliga lill-persuni taxxabbli li jikkostitwixxu, fi ħdan grupp ta' kumpanniji, "impriżi marbuta", fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni, li jgħoddu flimkien id-dħul mill-bejgħ tagħhom sabiex tiġi applikata rata progressiva ħafna, u li sussegwentement jaqsmu l-ammont tat-taxxa hekk miksub bejniethom bi *prorata* skont id-dħul mill-bejgħ reali tagħhom, meta — u dan huwa fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju — il-persuni taxxabbli li jiffurmaw parti minn grupp ta' kumpanniji u li jaqgħu taħt l-ogħla parti tat-taxxa speċjali huma "marbuta", fil-parti l-kbira tal-każijiet, ma' kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru ieħor.**

Firem